A.L. 104 ta' l-2007

ATT DWAR IL-KONTROLL TAL-PESTIĊIDI (KAP. 430)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ogħla Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Annimali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 5 ta' l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi, il-Ministru a' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ogħla Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Annimali u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Ogħla Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Annimali, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 117 ta' l-2005.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu biex jiġu trasposti d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/59/KE u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/61/KE.

Jemenda l-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali.

2. It-Taqsima A ta' l-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' kolonni tal-partita 12 tagħha, għandhom jidħlu dawn li ġejjin, rispettivament:

"12.	Deltamethrin (cis-deltamethrin) (*)	fwied u kliewi tiġieġ u prodotti tat-tiġieġ oħrajn	0,03(*) 0,1 0,5	0,05	0,05(*)";

(*) MRL temporanju validu sa l-1 ta' Novembru 2007, sakemm issir ir-reviżjoni tad-*dossier* ta' l-Anness II taħt il-91/414/KE u r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-formulazzjonijiet tad-deltamethrin fuq livell ta' Stati Membri.

(b) minflok l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' kolonni tal-partita 34 tagħha, għandhom jidħlu dawn li ġejjin, rispettivament:

"34.	Azinphos-ethyl	0,01(*)	0,01(*)	0,01(*)";

u

(ċ) minnufih wara l-partita 60 tagħha, għandhom jiżdiedu l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' kolonni li ġejjin, rispettivament:

"61.	Triazophos	0,01(*)	0,01(*)	0,01(*)
62.	Fenthion u l-analogu ta' l-ossiġenu tiegħu, is-*sulfoxides* u s-*sulfones* tagħhom espressi bħala li jitnisslu minnhom	0,05(*)	0,01(*)	-
63.	Carbaryl	0,05(*)	0,05(*)	0,05(*)".